**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Mejju, 2019**

Numru 10

**Rikors Guramentat Nru. 373/2015**

**Liquigas Malta Limited**

**vs**

**Easygas Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-23 ta' April, 2015 li jghid hekk:

1 Illi l-kumpanija rikorrenti Liquigas Malta Limited topera fil-qasam tal-bejgh ta' liquid petroleum gas (LPG) f'Malta u tbiegh u tqassam l-istess gass permezz ta' cilindri li huma proprjeta taghha u li ghandhom l-isem, markji u/jew sinjali distintivi taghha (partikolarment il-kulur ahdar) jew li ghandha dritt esklussiv li tuza (partikolarment il-kulur isfar);

2. Illi l-kumpanija intimata Easygas Malta Limited hija wkoll operatur f'Malta fil-qasam tal-bejgh tal-gass LPG u tbiegh u tqassam l-istess gass permezz ta' cilindri proprjeta taghha li ghandhom l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi (senjatament il-kulur griz) taghha;

3. Illi skond l-artikolu 2 tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (Avviz Legali 249/2008) is-sid ta' cilindru tal-LPG huwa l-persuna li tkun qieghdet l-istess cilindru fis-suq u li hija legittimament id-detentur tac-certifikati ta' valutazzjoni ta' konformita. Ir-referenza ghac-certifikat ta' valutazzjoni ta' konformita hija referenza ghac-certifikat li huwa rikjest taht ir-Regolamenti Dwar Taghmir Tal-Pressa Trasportabbli (Avviz Legali 332/2011) li jimplimentaw id-direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar 'Transportable Pressure Equipment';

4. Illi l-kumpanija rikorrenti saret taf li l-kumpanija intimata Easygas Malta Limited, minghajr l-awtorizzazzjoni u permess tal-kumpanija rikorrenti qieghda tizboh bil-kulur griz, cilindri li ghandhom l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpanija rikorrenti u li l-kumpanija intimata tkun gabret minghand il-konsumaturi, tpoggi fuqhom l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi taghha, timlihom bil-gass u tpoggihom lura fis-suq bhala cilindri taghha;

5. Illi dan l-agir da parti tal-kumpanija intimata huwa agir manifestament illegali u abuziv ghaliex jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet ta' proprjeta tal-kumpanija rikorrenti, dolus u ksur ta' dmirijiet imposti mill-ligi, partikolarment dawk imposti taht l-artikolu 5A subinciz (2) tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt li permezz tieghu il-kumpanija intimata Easygas Malta Limited hija ipprojbita milli timla bil-gass ic-cilindri proprjeta ta' haddiehor. Infatti l-istess subinciz jghid li c-cilindri "... ma jistghu jintuzaw jew jitqandlu assolutament b'ebda mod, hlief ghall-jini li jitreggghu lura lill-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorita biex jimporta u.jew ibieqh bl-ingrossa GPL u li jkun is-sid ta' dawk ic-cilindri li jistghu jinqarru";

6. Illi dan l-agir huwa wkoll bi ksur tal-obbligu jew undertaking assunt mill-kumpanija intimata fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 92/2011 fis-seduta tad-9 ta' Frar, 2011, u cioe: "Respondents undertake not to refill the cylinders mentioned in the application with their own product and in no way to market their product in the said cylinders", kif ukoll bi ksur tad-digriet sussegwenti ta' dina l-Qorti datat 20 ta' Frar 2013 fl-atti tal-kawza pendenti fl-ismijiet Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited et (207/2011MCH), permezz ta' liema digriet il-Qorti cahdet talba tal-kumpanija intimata li kienet saret fi stadju ulterjuri sabiex tigi rilaxxata minn dan l-obbligu jew undertaking assunt minnha fl-atti tal-mandat;

7. Illi inoltre, b'dan l-agir il-kumpanija intimata qieghda tostakola lill-kumpanija rikorrenti milli zzomm kontroll fuq ic-cilindri taghha u li taghhom ghandha ic-certifikati ta' valutazzjoni ta' konformita skond il-ligi, Ir-Regolamenti Dwar Taghmir Tal-Pressa Trasportabbli jitfghu diversi responsabilitajiet fuq is-sidien tac-cilindri inkluzi li jsir il-manutenzjoni necessarju, l-ittestjar u c-certifikazzjoni tac-cilindru - rekwiziti necessarji biex tigi zgurata s-sigurta meta wiehed ikun qed jittratta ma' pressure equipment uzat ghat-trasport ta' prodott fjammabbli bhal ma huma c-cilindri. Jigi rilevat li kull cilindru tal-LPG huwa numerat u ccertifikat individwalment ai termini tal-istess regolamenti. Illi ghalhekk l-identifikazzjoni cara tas-sid tac-cilindru kif ukoll il-kontroll mis-sid fuq ic-cilindri relattivi hija necessarja sabiex ma jkunx hemm dubju fuq min jaqghu ir-responsabbiltajiet imposti mid-direttiva, li jista' jwassal ghal konsegwenzi serji, fuq kollox a skapitu tal-konsumaturi, partikolarment f'xi kaz ta' xi incident;

8. Illi dan l-agir wassal ukoll sabiex l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Risorsi tohrog 'Cease and Desist Order' kontra l-kumpanija protestata minhabba l-fatti fuq esposti;

9. Illi l-kumpanija rikorrenti qed issofri danni ingenti kagun ta' dan l-agir li ghalih hija unikament responsabbli il-kumpanija intimata, u inoltre qieghda tbati l-ispejjez sabiex terga' tizboh ic-cilindri bil-kulur distintiv taghha u terga' tpoggi l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi taghha;

10. Illi dan l-agir mhuwiex wiehed izolat izda jsegwi diversi incidenti ohra fejn il-kumpanija intimata ittentat tagixxi b'mod illegali u abuziv fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti. Illi fil-fatt, f'incidenti separati hija kienet inqabdet tahzen cilindri bl-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpanija rikorrenti, tibghathom Salerno, I-Italja sabiex jigu mizbuha bil-kulur griz, u timla' bil-gass cilindri bl-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpanija rikorrenti fl-impjant taghha meta ma kelliex licenzja ghall-mili tal-gass;

11. Illi permezz ta' protest gudizzjarju pprezentat kontra l-kumpanija intimata fil-25 ta' Frar 2015, il-kumpanija rikorrenti interpellat lill-kumpanija intimata sabiex fl-ewwel lok tiddezisti milli tuza jew tqandel ic-cilindri tal-gass li taghhom il-kumpanija rikorrenti hija s-sid hlief ghall-fini li jitreggghu lura lill-provditur awtorizzat, partikolarment milli tizbohhom bil-kulur taghha, fit-tieni lok sabiex tregga' lura lill-kumpanija rikorrenti c-cilindri tal-gass de quo kollha li ghandha fil-pussess taghha fi zrnien erbat ijiem, u fit-tielet lok sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni sofferti, u zammet lill-kumpanija intimata responsabbli ghad-danni kollha li ghad tista issofri, u qieghditha f'dolo, mora u culpa ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, izda l-kumpanija intimata xorta wahda baqghet inadempjenti, u lanqas indenjat ruhha tirrispondi ghall-protest imsemmi.

Ghaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti titlob umilment li, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:
(i) Tiddikjara li l-agir tal-kumpanija intimata Easygas Malta Limited huwa bi ksur tad-drittijiet ta' proprjeta tal-kumpanija rikorrenti, dolus u ksur ta' dmirijiet imposti rnill-ligi, partikolarment dawk imposti taht l-artikolu 5A subinciz (2) tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt [Avviz Legali 465/2011 li emenda r-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (Avviz Legali 249/2008)] li permezz tieghu il-kumpanija intimata hija ipprojbita milli timla bil-gass ic-cilindri proprjeta ta' haddiehor.

(ii) Tiddikjara li l-agir tal-kumpanija intimata Easygas Malta Limited huwa wkoll bi ksur tal-obbligu jew undertaking assunt minnha fl-atti tal-rnandat ta' inibizzjoni numru 92/2011 u tad-digriet sussegwenti ta' dina l-Qorti datat 20 ta' Frar 2013 fl-atti tal-kawza pendenti fl-ismijiet Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited et (207/2011MCH), kif fuq spjegat;

(iii) Tiddikjara li b'konsegwenza tal-agir tal-kurnpannija konvenuta meta zebghet, u/jew qieghda tizboh, bil-kulur griz cilindri li ghandhorn l-isern u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpanija rikorrenti u li l-kumpanija intimata tkun gabret minghand il-konsumaturi, u/jew meta poggiet, u/jew qieghda tpoggi fuqhom l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi taghha u/jew timlihom bil-gass u tpoggihom lura fis-suq bhala cilindri taghha, l-istess kumpanija rikorrenti sofriet u ghadha qed issofri danni;

(iv) Tiddikjara li l-kumpanija konvenuta hija responsabbli ghal dawn id-danni;

(v) Tillikwida d-danni hekk sofferti, okkorrendi bil-hatra ta' periti nominandi;

(vi) Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija rikorrenti d-danni hekk likwidati;

(vii) Tordna illi l-kumpanija konvenuta tiddezistu milli tkomplu tizboh bil-kulur griz, cilindri li ghandhom l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpanija rikorrenti u li l-kumpanija intimata tkun gabret minghand il-konsumaturi u/jew tpoggi fuqhom l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi taghha u/jew timlihom bil-gass u tpoggihom lura fis-suq bhala cilindri taghha;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 25 ta' Frar 2015 u bl-imghaxijiet kontra l-kumpanija konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b'rizerva ta' kwalunkwe azzjoni legali tal-kumpanija rikorrenti fil-konfront tal-kumpanija intimata, inkluza azzjoni kriminali.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

Illi s-socjeta intimata tirrispingi bl-aktar mod assolut l-allegazzjonijiet tal-atturi u dan ghar-ragunijiet segwenti:
1. Illi preliminarjament, is-socjeta attrici mhijiex il-legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna stante illi hija mhijiex is-sid tac-cilindri in kwistjoni ai termini tar-rekwiziti tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (S.L. 423.31);

Illi skont l-istess Regolamenti, introdotti nhar is-7 ta' Ottubru 2008 u sussegwentement emendati permezz ta' Avviz Legali Numru 465 tal-2011 bl-isem 'Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt', is-sid ta' cilindru tal-GPL (Gass Petroleum Likkwifikat) huwa:
"kull persuna fizika jew guridika stabbilita fi hdan l-Unjoni Ewropea, li tkun legittimament detentur ta' certifikati ta' valutazzjoni ta' konformita ta' cilindru tal-GPL u li jkun originarjament qieghed tali cilindru fis-suq"

Illi madanakollu, ma ngiebet l-ebda prova konkreta mis-socjeta Liquigas illi kienet din tal-ahhar illi kienet originarjament poggiet tali cilindri fis-suq, u ghalhekk, is-socjeta attrici ghadha trid tipprova illi hija verament s-sid ta' dawn ic-cilindri;

2. Illi fil-mertu, il-pretensjonijiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi s-socjeta intimata kissret xi dritt jew drittijiet ta' proprjeta tas-socjeta attrici, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

3. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta intimata tirrispingi kwalunkwe allegazzjoni illi hija qieghda tagixxi bi ksur tal-obbligu jew undertaking assunt mis-socjeta intimata fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 92/2011;
a. Illi qabel xejn, tali Mandat ta' Inibizzjoni kien michud minn dina l-Onorabbli Qorti;
b. Illi l-obbligu assunt mis-socjeta intimata fis-seduta tad-9 ta' Frar 2011 kienet tirrigwardja biss dawk ic-cilindri mnizzla fir-rikors tal-istess Mandat ("Respondents undertake not to refill the cylinders mentioned in the application") (enfasi mizjud)
c. Illi l-istess obbligu kien assunt qabel il-hrug tal-Avviz Legali 465/2011, liema Avviz Legali effettivament biddel it-tifsira tal-proprjeta tal-istess cilindri;
d. Illi in ogni kaz u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe allegat ksur ta' dan l-obbligu mis-socjeta intimata jissuggettaha ghal ordni ta' disprezz tal-Qorti, u mhux ghall-kawza odjerna;

4. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici naqset milli ggib ebda prova sabiex tikkwantifika jew taghti xi indikazzjoni tad-danni allegatament sofferta

minnha u li ghalihom hija responsabbli s-socjeta intimata, u ghaldaqstant minn issa qeghdin jigu rribattuti;

5. Illi l-azzjoni tas-socjeta attrici hija ghal kollox frivola u vessatorja u intiza biss sabiex ixxekkel il-kompetizzjoni bejn iz-zewg socjetajiet kompetituri u sservi bhala ostakolu ghall-kummerc hieles, u ghaldaqstant is-socjeta intimata ma ghandha tbati l-ebda spejjez u interessi relatati mal-istess;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

F'April 2015 is-socejta attrici ghamlet din il-kawza fejn qed tallega illi s-socjeta konventua qed tizboh bil-kulur gris cilindri tal-gass appartenenti lis-socjeta attrici u timlihom bil-gass u terga' tpoggihom fuq is-suq bhala cilindri taghha. Dan hu ksur tad-drittijiet ta' proprjeta tas-socjeta attrici u dolus u ksur ta' dmirijiet imposti mill-ligi partikolarment dawk taht l-artikolu 5A(2) tar-regolamenti dwar is-suq tal-gass petroleum likwefatt li permezz tieghu l-kumpanija konvenuta hi projbita timla bil-gass ic-cilindri ta' terzi u l-obbligazzjoni assunta minnha fid-9 ta' Frar 2011 (Inibizzjoni 92/2011) fejn is-socjeta konvenuta obbligat ruhha li ma timliex ic-cilindri msemmija fl-istess mandat. Is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tieqaf minn dan l-agir u qed titlob id-danni ghall-agir tas-socjeta konvenuta oltre l-ispejjez biex terga tizboh mill-gdid ic-cilindri.

Is-socjeta konventuta qed tilqa' ghal din l-azzjoni billi qed issostni li l-kumpanija attrici mhix sid tac-cilindri ai termini tal-L.S. 423.31 li kif emendat fl-2011 iqis bhala sid 'kull persuna fizika jew guridika li tkun legittimament detentur ta' certifikat ta' valutazzjoni ta' konformita ta' cilindru LPG u li jkun originarjament qieghed tali cilindru fis-suq.

Fil-mertu issostni li ma kisret ebda dritt ta' proprjeta tas-socjeta attrici, u illi l-mandat imsemmi mis-socjeta attrici gie michud mill-Qorti, u in ogni kaz l-obbligu tas-socjeta fl-atti tal-istess mandat gie assunt biss in rigward tac-cilindri msemmija fl-istess

mandat li gie superat bil-ligislazzjoni sussidjarja tal-2011 li biddel it-tifsira ta' sid. Is-socjeta konvenuta izzid li ma ngiebet ebda prova tad-danni sofferti.
Qebel xejn il-Qorti ser taghmel referenza ghal atti tal-Qorti senjatament il-kawza 207/2011 u iktar il-quddiem il-kawzi 37/2014 u 38/2014 peress li dawn huma atti gudizjarji pubblici li fihom il-partijiet kienu partecip u huma konnessi fil-mertu ma' din il-kawza.

**Prova tat-titolu**
Din l-eccezzjoni hi simili ghal eccezzjoni ohra li saret fil-kawza Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited (207/2011) deciza fil-5 ta' Ottubru 2015. F'dik il-kawza saret talba sabiex jigi dikjarat li c-cilindri sofor (ex Enemalta) u hodor (mixtrija mis-socjeta attrici) kienu proprjeta tal-istess Liquigas. Il-Qorti kienet qablet mas-socjeta attrici u laqghet din it-talba. Hu minnu illi din is-sentenza qed tistenna l-appell pero sallum tikkostitwixxi gudikat bejn l-istess partijiet u l-kawza odjerna, safejn jirrigwarda t-titolu tal-istess cilindri ghandha twassal ghall-istess konkluzzjoni ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Jigi rilevat illi s-socjeta konvenuta tissottometti li l-prova tal-titolu trid issir a bazi tal-L.S. 423.31 kif emendat fl-2011. Jinghad fl-ewwel lok li meta saret il-kawza 207/2011 dan il-provvediment ma kienx ghadu in vigore u t-talbiet ghalhekk qatt ma setghu isiru b'referenza ghal tali provvediment ta' ligi bhala prova tat-titolu. Fit-tieni lok ghalkemm is-socjeta konvenuta tissottometti li f'din il-kawza prezenti s-socjeta attrici trid tipprova t-titolu skont l-istess L.S. 423.31 kif emendat, ma jidhirx li ressqet prova kuntrarja ghal dak migjub qua prova tat-titolu mill-istess socejta attrici fil-kawza 207/2011 u f'din il-kawza.

Kontrarajament ghas-sottomissjoni li saret f'din il-kawza mis-socjeta konvenuta sabiex din il-Qorti tissoprasjedi billi l-mertu ta' din l-azzjoni hi l-istess bhal mertu tal-kawza 207/2011, din il-Qorti ma taqbilx. Fil-kawza 207/2011 il-Qorti kellha tiddeciedi dwar il-proprjeta o meno tac-cilindri sofor u hodor u danni sofferti bl-agir tas-socjeta konvenuta sa Gunju 2012 mentri din il-kawza saret fl-2015 u tirrigwarda l-allegazzjoni tas-socjeta attrici li s-socjeta konvenuta zebghet cilindri sofor u hodor bil-kulur griz biex jidhru li huma taghha u d-danni reklamati huma in konnessjoni mal-

istess agir u spejjez biex jerghu jigu ripristinati. Dan jirreferi ghal perjodu wara l-2014 kif jixhed Paul Agius Delicata, CEO ta' Gasio li hi sister company ta' Liquigas.

**Mertu**

Fil-mertu s-socejta konvenuta ma tressaq ebda prova li ixxejjen l-allegazzjoni attrici dwar it-tizbiegh tac-cilindri minn isfar ghal griz li din il-Qorti gia ikkonfermat bhala prova veritiera fil-kawzi Liquigas Malta Limited vs Anthony Debono et u Liquigas Malta Limited vs William Mifsud et, decizi fil-31 ta' Mejju 2017 fejn il-Qorti ordnat il-hlas ta' penali ghal konkorrenza sleali da parti ta' Easygas. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti u dan fuq bazi ta' probbabilita illi s-socjeta konvenuta bla jedd u b'qerq ippruvat iddawwar ghaliha proprjeta tas-socjeta attrici billi tbiddel il-kulur distintiv tac-cilindru u timlih bil-gass taghha bi vjolazzjoni cara kemm tad-dritt ta' proprjeta tal-istess socjeta attrici u tal-obbligi tal-istess li johorgu mill-ligi dwar il-bejgh ta' gass LPG, kif ukoll ksur tal-provvedimenti tal-ligi senjatament art. 5A(2) tar-regolament dwar is-suq tal-gass petroleum eikwefatt dwar il-mili ta' cilindri proprjeta ta' terzi. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi s-socjeta attrici bil-provi u ritratti prodotti f'din il-kawza u l-ohrajn relatati fuq immsemmija irnexxilha tipprova fil-mertu li s-socjeta konvenuta hi responsabbli ghan-nuqqas u trid taghmel riparazzjoni.

In kwantu ghal ksur ta' obbligi assunti 92/2011 dan il-mandat kien jireferi ghal proceduri li ittiehdu sussegwentement fil-kawza 2017/2011 u ma humiex konnessi ma' din il-kawza.

**Danni**

Rigward id-danni s-socjeta attrici ipprezentat prospett markat Dok. SM1 sa SM8 li juri li bejn 2015 u 2018 gew ittestjati eluf kbar ta' cilindri u l-izpiza ghal dan. Din il-Qorti hi perplessa rigward dan il-prospett ghax il-kawza hi wahda dwar cilindri mizbughin grizi u li jridu jergghu jigu ripristinati u mhux dwar retesting ta' cilindri.

Ir-rapporti tal-Ing. Paul Cardona espert ex parte tas-socjeta attrici huma aktar specifici ghax jindikaw li hu gie mqabbad jinvestiga c-cilindri mizbugha grizi u dan ghamlu bejn l-4 ta' Frar 2015 sal-ahhar ta' Settembru 2017 cioe d-data tal-ewwel rapport u ra 7,850 cilindri liema rapport gie aggornat (Dok. PC2) sal-20 ta' Frar 2019

fejn l-ammont ta' cilindri li ra telghu ghal 9,441 pero mix-xiehda tieghu ma irrizultax meta dawn ic-cilindri gew mizbughin grizi ghax hu kien imur l-impjant tas-socjeta attrici kull meta l-istess socjeta kienet issejjahlu ghax tigbor ammont ta' cilindri grizi mis-suq.

L-istima ta' kemm tiswa biex cilindru jerga jigi ripristinat iccekjat u mqieghed lura fuq is-suq xehed dwaru Stephen Muscat.

Il-Qorti tqis illi l-prova tad-danni tispetta lil min jallegaha u trid issir b'mod konkret u mhux biss ipotetiku jew approssimattiv. Din il-prova trid tirrizulta minn provi kemm b'dokumenti u xiehda rilevanti. Mhux bizzejjed li wiehed jipprova r-responsabilta cioe li haddiehor ikkagunalu dannu izda trid imbaghad tingieb il-prova tan-nexus bejn ir-responsabilta u d-dannu li fis-sustanza huma konsegwenza diretta tan-nuqqas ta' haddiehor, u li dan id-dannu sehh fi zmien preciz u identifikat. Ix-xiehda prodotta dwar meta c-cilindri iccekjati mill-inginier Cardona kienu fis-suq mizbugha grizi saret permezz ta' zewg xhieda.

Jesmar Mifsud, impjegat ta' Liquigas isemmi li ra cilindri mizbugha bil-griz fi fixed point of sale ta' Easygas fl-2012 u jsemmi li gieli ra cilindri grizi anki fl-2015, 2016 u 2017 fi hwienet li jbieghu c-cilindri tal-gass. Ghalkemm jghid li sema hoss ta' spraying fl-impjant ta' Easygas f'Hal Luqa meta f'okkazzjoni mar jinvestiga ma' Robert Bonavia u gie aggredit mid-diretturi ta' Easygas ma jikkonfermax pero li ra li l-ispraying kien ta' cilindri tas-socjeta attrici jinzebghu bil-griz.

Robert Bonavia, impjegat ta' Gasco isemmi l-incident ta' Sqallija tal-2011 (rapportat b'detttal fil-kawza 207/2011) u jzid li xi snin wara bew jidhlu cilindri fl-impjant tas-socjeta attrici mizbughin grizi. Hu qal li sa meta xehed kienu iddahhlu xi 7,000 cilindru. Hu jikkonferma x-xiehda ta' Jesmar Mifsud meta semghu hoss ta' spraying fl-impjant ta' Easygas fl-2014 pero ma rax cilindri jinzebghu.

Il-Qorti rat l-prospett ta' danni fil-kawza 207/2011 u tqis li l-ammont ta' €405,000 mitlub kien jirrerfi ghal 15,000 cilindru li ghalkemm kienu grinded, u mizbugha mill-gdid mas-socjeta Easygas <u>ma kienux aktar utilizabbli</u> (sottolinear tal-Qorti) dawn id-

danni akkordati fil-kawza precitata huma differenti mid-danni li qed jintalbu f'din il-kawza. F'din il-kawza qed issir talba ghal danni marbuta ma' spraying ta' cilindri li jmorru oltre d-data ta' meta intalbu d-danni fil-kawza 207/2011 fejn il-prospett tad-danni sar fit-12 ta' Gunju 2012 u li kienu qeghdin fis-suq.

Infatti f'din il-kawza x-xhieda tas-socjeta attrici isemmi episodji li sehhew mill-2014 il-quddiem fuq cilindri li kienu fil-kummerc u mizbugha grizi meta kien jidher li fil-fatt kienu overpainted fuq cilindri bil-kulur distintiv ta' Liquigas. Is-socjeta Easygas ma gabet ebda prova kuntrarja ghal dak sottomes mis-socjeta attrici u juri agir li jkompli ma' dak li kien qed isehh fl-2011. Il-Qorti hi konvinta li s-socjeta attrici ippruvat id-danni u n-nexus bejn id-danni u s-socjeta konvenuta.

Il-Qorti tqis l-istima biex jigi ripristinat cilindru ghall-istat utilizabbli fis-suq kif xehed Stephen Muscat, Chief Financial Officer bhala wahda ragonevoli (Dok. SM1 fol. 282) u ghalhekk qed tikkonkludi li s-socjeta attrici sofriet dannu ta' €146,335 (9,441 cilindru x €15.50) u dan sad-data tal-ahhar verifika tal-Inginier Cardona cioe 20 ta' Frar 2019. Ghalkemm ix-xhud Stephen Muscat fil-kontroezami jghid li sal-ahhar ta' Novembru 2018 gew ittestjati xi 8,800 cilindri ma giet esebita ebda prova konkreta dwar din-ic-cifra u dak tal-Ing. Cardona hi aktar certa u cara.

Is-socjeta konvenuta iggib l-argument ukoll illi fil-kawzi Liquigas Malta Limited vs Anthony Debono et u Liquigas Malta Limited vs Wiliam Mifsud et, decizi fil-31 ta' Mejju 2017, il-Qorti kienet ikkundannat lis-socjeta Easygas is-somma ta' €4,658.75 bhala penali ghal sejbien ta' konkorrenza sleali l-artikolu 37 tal-Kap. 13 pero jqis li la darba tintalab il-penali ma jistghux jintalbu d-danni. Dan l-argument hu fil-fatt eccezzjoni mhux sottomissjoni liema eccezzjoni ma tirrizultax li qatt saret f'din il-kawza, u billi ma hemmx eccezzjoni formali, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra eccezzjoni gdida li tkun saret f'sottomissjoni finali qabel is-sentenza (ara f'dan is-sens **Josef Farrugia vs Christopher Carabott et**, PA 29/05/2008, u **Anna Maria Gauci et vs Salvino Farrugia et**, App 24/06/2016)

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici in kwantu ghar-responsabilta tas-socjeta konvenuta li zebghet cilindi proprjeta tas-socjeta attrici bil-kulur distintiv tas-socjeta konvenuta bi ksur tal-ligi kif sottomess fl-ewwel talba; tiddikjara wkoll illi s-socjeta attrici sofriet danni b'dan l-agir skont it-tielet talba; tichad it-tieni talba; u tilqa' r-raba', il-hames u s-sitt talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €146,335 in linea ta' danni sa Frar 2019, bl-imghax mid-data tas-sentenza. Spejjez ghas-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur